**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' April,2002**

**Numru 29**

**Avviz. numru 77/02JR**

**Thomas Smith Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta` estera SIAT kif surrogati fid-dritt ta' Loreto Xuereb**

**vs**

**Stephen Galea**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avvizipprezentat mill-atturi fil-15 ta' Jannar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u erbgha u erbghin lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm244.26), rappresentanti danni kagunati f'incident tat-traffiku li gara fit-13 ta' Novembru, 2000 fi triq Dun Karm, Msida, bejn il-karozzi PSS-007 u AAI-**

**753 liema incident gara unikament tort tal-konvenut minhabba negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;**

**Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja u ittra ufficjali presentati kontra l-konvenut u ittra ufficjali ppresentata kontestwalment kontra l-assigurazzjoni tal-konvenutu, bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta fir-rigward.**

**Semgha x-xhieda ta' Jean Pierre Scerri ghas-socjeta` attrici li kkonferma l-ammont dovut fl-avviz. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u erbgha u erbghin lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm244.26) bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mil-1 ta' Marzu, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja u ittra ufficjali presentati kontra l-konvenut u ittra ufficjali ppresentata kontestwalment**

**kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut u ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**